MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Talba Numru. 409/2003

**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Charmaine Aguis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Frar 2003, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm536.00) rappresentanti import ta' seba' kambjali, wahda ta' Lm68.00 (bilanc), u sitta ta' Lm78.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2002 sa Frar 2003 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 7.
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-20 ta' Frar 2003 jammontaw ghal Lm15.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' Lm6.00 ghal konsult legali kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill--konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm536.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------